Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1101/89, u r-Regolamenti (KE) Nru 2888/2000 u (KE) Nru 685/2001"

[COM(2016) 745 final — 2016/0368 (COD)]

(2017/C 209/10)

Relatur uniku: **Jan SIMONS**

Konsultazzjoni	Parlament Ewropew, 12.12.2016
	Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 19.12.2016
Bażi legali	Artikoli 91 u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Informazzjoni
Adottata fis-sezzjoni	15.3.2017
Adottata fis-sessjoni plenarja	29.3.2017
Sessjoni plenarja Nru	524
Riżultat tal-votazzjoni	228/3/0
(favur/kontra/astensjonijiet)	

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Wara li kkonsulta l-organizzazzjonijiet rilevanti tal-partijiet interessati, il-KESE jikkonkludi li jista' jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament li jirrevoka r-Regolament (KEE) Nru 1101/89 (skema ta' skrappjar temporanju għat-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni), ir-Regolamenti (KE) Nru 2888/2000 (it-tqassim ta' permessi għal vetturi li jġorru tagħbijiet tqal u li jivvjaġġaw fl-Isvizzera) u r-Regolament (KE) Nru 685/2001 (l-awtorizzazzjoni għat-trasport ta' merkanzija bit-triq fil-Bulgarija u għar-Rumanija qabel l-adeżjoni tagħhom mal-UE).

2. **Sfond**

2.1. Fil-kuntest tal-programm REFIT u l-impenn għal leġislazzjoni aħjar sabiex jiġi garantit qafas leġislattiv li huwa idoneu u ta' kwalità għolja, kif imsemmi fil-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar regolamentazzjoni aħjar, il-Kummissjoni Ewropea qiegħda tipproponi li jitħassru tliet Regolamenti minħabba li m'għadhomx jintużaw.

2.1.1. L-ewwel wieħed huwa relatat ma' skema ta' skrappjar temporanju għat-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni tal-1989, fejn l-istrumenti xierqa għall-ġestjoni tal-kapaċità f'dan ir-Regolament ġew garantiti għaxar snin wara fir-Regolament (KE) Nru 718/1999, madankollu, ma tħassar ir-Regolament tal-1989.

2.1.2. Il-proposta hija relatata wkoll ma' żewġ regolamenti dwar it-trasport bit-triq.

2.1.2.1. L-ewwel wieħed, adottat fl-2000, huwa relatat mad-distribuzzjoni fost l-Istati Membri tal-kwoti Żvizzeri għall-vetturi ta' merkanzija tqila; skont ftehim bejn l-UE u l-Konfederazzjoni Żvizzera, dawn il-vetturi ta' merkanzija tqila ilhom mill-1 ta' Jannar 2005 eżentati minn kwalunkwe sistema ta' kwota jew ta' awtorizzazzjoni.

2.1.2.2. Ir-Regolament l-ieħor jikkonċerna d-distribuzzjoni fost l-Istati Membri ta' dak iż-żmien ta' awtorizzazzjonijiet li jagħtu aċċess għas-suq tat-trasport tal-merkanzija fil-Bulgarija u fir-Rumanija, qabel ma daħlu fl-UE fl-2007. Bl-adeżjoni taż-żewġ pajjiżi mal-UE fl-2007, is-sistema ta' awtorizzazzjoni m'għadhiex tapplika.

3. **Kummenti ġenerali**

3.1. Il-KESE minn dejjem appoġġja l-fehma li l-qafas leġislattiv għandu jkun idoneu u ta' kwalità għolja, iżda għandu jkun ukoll trasparenti, ċar u faċli biex jintuża mill-Istati Membri u l-partijiet interessati, f'dan il-każ fis-setturi tat-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni u tat-trasport tal-merkanzija bit-triq.

3.2. Minħabba r-raġunijiet differenti għat-tneħħija tar-Regolamenti inkwistjoni, il-KESE jqis li huwa loġiku li jitneħħew it-tliet r-Regolamenti li issa m'għadhomx jintużaw.

3.3. Il-KESE huwa madankollu sorpriż li l-Kummissjoni ma qisitx li huwa "applikabbli" li jiġu kkonsultati l-partijiet interessati u li ssir valutazzjoni tal-impatt. Fil-fatt hemm effett saħansitra pożittiv, kif imsemmi fil-punt 3.1 hawn fuq, iżda konsultazzjoni, anke jekk purament għal skopijiet ta' prekawzjoni, mhux ser tkun ta' ħsara.

3.4. Il-KESE għalhekk sema' lir-rappreżentanti tal-assoċjazzjonijiet tal-industrija rilevanti. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni għall-proposta tal-Kummissjoni li jitħasru t-tliet Regolamenti.

Brussell, id-29 ta' Marzu 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS